# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ta' Sannat

## TMIEN LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 76

22 ta' Jannar, 2018

Il-Kunsilli Lokali Ta' Sannat ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz fi Triq Sannat, Ta' Sannat fis-2.49 ta' wara nofsinhar.

PREŻENTI:

Philip Vella – Sindku
Frances Galea – Viċi Sindku
Joseph Bajada – Kunsillier
Maria Cassar Sultana – Kunsilliera
Margaret Said – Kunsilliera

ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A(3):

Marie Georgette Spiteri – Ambaxxatiċi għaż-Żgħażagħ

ASSENTI

Ħadd ma kien assenti

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Jason Curmi – Segretarju Eżekuttiv

# Aġenda Nru. 76

76.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji;
76.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti preċidenti Nru.75– 8;
76.3 Komunikazzjoni mis-Sindku;
76.4 Komunikazzjoni mis-Segretarju Eżekuttiv;
76.5 Tender: SNTLC 01/2017 Resurfacing of Triq il-Kalati, Ta' Sannat with a pattern monolithic Concrete System;
76.6 Wiċċ ġdid bit-tarmak fi Triq l-20 ta' Lulju;
76.7 Wiċċ ġdid bit-tarmak parti minn Triq Saguna;
76.8 Il-Proġett tal-Pjazza Santa Margerita;
76.9 Il-moll fil-Bajja ta' Mġarr ix-Xini;
76.10 Il-Karnival 2018;
76.11 L-Għid 2018;
76.12 Tiżjin dwal dekorattiv għall-żmien il-Milied u l-Ewwel tas-Sena 2018/9;
76.13 Ilmenti u Suġġerimenti;
76.14 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti 1/2018;
76.15 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

## Minuti

Is-Sindku Philip Vella ippresjeda l-laqgħa wara li ntqalet it-talba tal-bidu.

## 76.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

76.1.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta u qara l-imejl ta' apoloġija ta' l-Ambaxxatriċi għaż-Żgħażagħ u l-membri preżenti unanimament aċċettaw l-apoloġija.

## 76.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti preċidenti

76.2.1 Il-Kunsill għadda mill-ewwel għal minuti tal-laqgħa preċidenti Nru 75 – 8 li kienu tqassmu minn qabel u għalhekk ittiehdu bħala moqrija. Fuq dawn ma kienx hemm emendi u b'hekk dawn il-Minuti ġew approvati unanimament mill-Kunsill u ġew iffirmati mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv.

## 76.3 Komunikazzjoni mis-Sindku

76.3.1 Is-Sindku qal li s-Sur Gilbert Cini qed jitlob il-permess mingħand il-Kunsill biex is-Sibt 30 ta' Ġunju 2018 jkun jista jgħamel ir-riċeviment tat-tieġ tiegħu fil-bajja ta' Mġarr ix-Xini. Il-Kunsill ma jsib l-ebda oġġezzjoni li jgħati dan il-permess biss mhux qed jaqbel ma dawn il-kundizzjoniiet li s-Sur Cini qed jitlob apparti dan is-Sur Cini għadu ma ppreżentax dak kollu rikjest biex il-Kunsill ikun jista joħroġ dan il-permess.

76.3.2 Is-Sindku staqsa lill-Kunsilliera Cassar Sultana fhiex waslu l-artikli għall-booklet fuq Ta' Sannat. Il-Kunsilliera Cassar Sultana wieġbet li se tibgħat il-materjal kollu miġbur.

76.3.3 Is-Sindku nforma lill-Kunsill li fil-laqgħa li jmiss tar-Reġjun Għawdex għandhom jiġu mressqa il-proposti dwar id-dokument Integrated Territorial Development Strategy for Gozo 2017 – 2020 li ġie mniedi mis-Segretarju Parlamentari għall-Fondi Ewropej u Djalogu Soċjali flimkien mall-Ministeru għal Għawdex.

76.3.4 Is-Sindku qal li l-gallerija tal-injam li hawn fil-faċċata tal-bini tal-Kunsill tinsab fi stat ħażin tant li kull meta tgħamel ix-xita dejjem qed jidħol ammont kbir ta' ilma f'din il-kamra li qed tikkawża ħsara. Għalhekk il-Kunsill qabel li għandu jibdel din il-gallerija tal-injam għal waħda ġdida.

76.3.5 Is-Sindku qal li l-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali kellha komunikazzjoni mal-producers tal-programm 'Illum ma Steph' li jintwera fuq l-istazzjoni TVM biex b'hekk jingħata aktar viżibilta' x-xogħol li qed jgħamel il-Kunsill. Il-Kunsill ser jitlob biex jipparteċipa.

76.3.6 Is-Sindku fakkar li sar komunikat mar-Reġjun Għawdex dwar il-ħlas ta' €9615.38ċ, għat-tlestija tal-proġett relatat mall-Inizjattiva Finanazjarja – għoti mill-ġdid ta' Tarmak lil toroq fir-responsabbilta' tal-Kunsilli Lokali, li għalih il-Kunsill kien ibbenefika fuq it-toroq tal-PPP. Il-Kunsill ġie nfurmat li biex isir il-ħlas l-ewwel irid ikun lest il-proġett kollhu kemm hu mill-Kunsilli kollha Għawdxin.

76.3.7 Is-Sindku qal li l-Kunsill kien intalab mingħand **Rural Development Department Parks and Initiatives fi ħdan il-Ministeru għall-Ambejnt, Żvilupp Sostenibbli u Tibdil fil-Klima planting scheme għal proġett tal-Urban Green Project għas-sena 2018. Il-Kunsill din bgħata u qed jaħseb biex minn din l-iskema jsebbaħ bis-siġar u l-arbuxxeli fi Triq 28 ta' April 1688, Triq l-**

Isqof Davide Cocco Palmeri madwar l-monument ta' Vinċenzo Caruana Spiteri, Triq Marsilja, Triq Dun Luqa, Pjazetta Ta' Ċenċ u jkompli jgħati aktar kulur b'siġar u arbuxxelli fil-Ġnien tal-Bidwi.

76.3.8 Is-Sindku nforma lill-Kunsill li uffiċjali mill-Ministeru għal Għawdex talbu stima tat-triq bit-tarmak ta' Triq Dun Lazzru Camilleri. Hu qal li din qed issir mill-Perit Scerri.

76.3.9 Is-Sindku nforma lill-Kunsill li ser ikun msiefer Montefiascone flimkien mall-kumpanija CVC Media fil-15 ta Frar 2018 fejn ser isir filming dwar din il-belt li l-Kunsill hu ġġemmellat magħha. Hu qal li kif ser ikun hemm se jikkordina d-dati u minn kemm ser tkun komposta d-delegazzjoni minn Ta' Sannat wara li l-Comune di Montefiascone ibbenefika minn fondi ewropej biex jitkompla dan il-Ġemellaġġ.

## 76.4 Komunikazzjoni mis-Segretarju Eżekuttiv

76.4.1 Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li l-Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali talbet għal Group Health Policy Renewal. Din is-sena qed tinforma wkoll li l-Kunsill apparti lill-membri u l-istaff tista ssieħeb ukoll lill-ħaddiema assenjati mall-Kunsill fosthom il-ħaddiema tal-Community Work Scheme Foundation. Il-Kunsill qabel li jissieħbu biss il-membri u l-impjegati tal-Kunsill.

76.4.2 Is-Segretarju Eżekuttiv qal li ġab business proposal tariffs ġodda dwar il-linji tat-telefown mingħand il-kumpanija Go p.l.c. Dwar dan kien hemm qbil mill-Kunsill u ġa la darba l-prezzijiet huma orħos minn dawk li għandna bħalissa l-Kunsill ghandu jaqleb mall-kumpanija Go p.l.c.

76.4.3 Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li l-Kunsill Malti għas-Settur tal-Volontarjat qed ikompli bl-inzjattiva biex ikun f'pożizzjoni aħjar biex jgħin lis-settur tal-volontarjat. Għalhekk qed jitolbu li ssir laqgħa f'kull lokalita' ma dawn fejn jinfurmaw bl-għajnuniet li jeżistu. Il-Kunsill qabel li għandu jgħin f'din l-inizjattiva.

76.4.4 Is-Segretarju Eżekuttiv informa li Transport Malta infurmat lill-Kunsilli permezz ta' imjel li mill-1 ta' Jannar 2018 nediet proġett ta' infurzar permezz ta' clamping u towing fuq vetturi bi pjanċi barranin li jkunu qegħdin ipparkjati f'postijiet pubbliċi b'mod illegali.

76.4.5 Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li permezz ta' Direttiva Nru 3/2017 dwar l-akkwist mill-Kunsilli Lokali li kienet ġiet ċċirkulata lilhom peress li t-tresholds issa żdiedu l-Kunsill għandu jara jekk jibqax jaħdem bil-kwotazzjonijiet tal-Cleaner tal-Uffiċċju u tal-Avukat u l-kuntratt b'tender għal cleaning and maintenance of playing field in Triq Marziena. Il-Kunsill ddeċieda li jkompli bis-servizzi tagħhom.

76.4.6 Is-Segretarju Eżekuttiv reġa talab lill-Kunsill li peress li dan għandu diversi xogħolijiet ippjanati hemm bżonn li jiġi ngaġġat uffiċjal ieħor fl-uffiċċju tal-Kunsill. Il-Kunsill qabel li jibda l-proċess neċessarju biex ikun jista jimpjega skrivan/a back to back.

76.4.7 Is-Segretarju Eżekuttiv fakkar lill-Kunsill biċ-Ċirkulariji u Direttiva mibgħuta mid-DLG u li dawn ġew iċċirkulati lill-Kunsillieri permezz tal-imejl.

Ċirkulariji:

| | |
|---|---|
| Nru. 1/2018 | Inizjattiva – Kors fil-kitba bil-Malti (livell 5 – MQF); Certifikat fil-Qari tal-Provi bil-Malti (Certificate in Proofreading Maltese) |

| | | |
|---|---|---|
| Direttiva: | | |
| Nru. 3/2017 | Regolamenti u Linji Gwida dwar l-Akkwist (Procurment) mill-Kunsilli Lokali | |

## 76.5 Tender: SNTLC01/2017 Resurfacing of Triq il-Kalati, Ta' Sannat with a patterned monolithic Concrete System

76.5.1 Is-Sindku qal li t-Tender: SNTLC01/2017 *Resurfacing of Triq il-Kalati, Ta' Sannat with a patterned monolithic concrete system* bis-sistema tal-epps għalqet nhar il-Ġimgħa 19 ta' Jannar 2018, fid-9.30 a.m. u l-Kunsill irċieva 5 offerti li dawn kienu:

1. Road Construction Co Ltd €22595.93ċ
2. Peter Paul Said €10214.00ċ
3. Vella Bros. Ready-Mix Limited €14742.30ċ
4. Gatt Tarmac Ltd. €14349.39ċ
5. Pavidur SRL €15883.80ċ

Is-Segretarju Eżekuttiv ikkordina li ssir laqgħa mill-bord maħtur apposta mill-Kunsill biex din it-tender tiġi evalwata mill-aktar fis. Din il-laqgħa saret nhar is-Sibt 20 ta' Jannar, 2018 fis-2.00 p.m. Il-bord wasal fejn qed jitlob kjarifikazzjoni mingħand 3 offerenti dwar jekk hux ser ikun hemm sub-contrators għal dan ix-xogħol.

## 76.6 Wiċċ ġdid bit-tarmak fi Triq l-20 ta' Lulju

76.6.1 Is-Sindku qal li l-Kunsill Lokali Ta' Sannat hu wieħed mill-ħdax il-lokalita' f'Għawdex li se jibbenefika minn inizjattiva ġdida msejħa "Proġett Għawdex" mill-Ministeru għal Għawdex. Wara li l-Kunsill kien ntalab minn uffiċjali fi ħdan il-Ministeru jgħati stima ta' triq żgħira li taqa' taħt ir-responsabilta' tal-Kunsill u l-Kunsill kien ta' l-istima għal Triq l-20 ta' Lulju bl-ammont ta'€37,204.22ċ. Dan il-proġett mniedi hu li l-Ministeru għal Għawdex se joħroġ il-fondi u il-Kunsill se jkun fid-dover tiegħu li jimplimenta dan il-progett. Il-Kunsill ġie mgħarraf nhar is-26 ta' Diċembru 2017 li kien ibbenefika. Għalhekk il-Perit Edward Scerri ntalab biex jaħdem fuq l-ispeċifikazzjonijiet rikjesti biex il-Kunsill joħroġ it-tender peress li din it-triq trid issir matul din is-sena. Is-Segretarju Eżekuttiv qal li l-kuntratt mall-Ministeru għal Għawdex diġa sar u ġie ffirmat u li ngħatajna ċekk bl-ammont rikjest u għal dan infetaħ kont bankarju apposta biex il-fondi jibqgħu miġbura għal dan ix-xogħol biss.

## 76.7 Wiċċ ġdid bit-tarmak minn parti minn Triq Saguna

76.7.1 Is-Sindku nforma lill-Kunsill li wara l-laqgħa li kellu mall-uffiċjali fi ħdan il-Ministeru għal Għawdex, hu ma ddejjaqx jgħamel wiċċu mill-ġdid u qal li talab lil Ministeru biex jekk hu possibli ningħataw ukoll fondi għal Triq Saguna mill-istess inizjattiva "Proġett Għawdex" peress li l-Kunsill kien semmha diversi drabi waqt il-laqgħat tal-Kunsill li din it-triq tinsab fi stat ħażin. B'xorti tajba l-Kunsill ngħata dak li kien għad fadal mill-miljun u nofs minn din l-inizjattiva mill-Ministeru għal Għawdex fuq diversi toroq madwar Għawdex, l-ammont ta' €9,493.97ċ. Is-Segretarju Eżekuttiv qal li għal dawn ukoll ġie ffirmat kuntratt u li dawn il-fondi ġew ukoll miġbura u nfetaħ kont bankarju separat apposta għal dan ix-xogħol. Meta il-Kunsill staqsa lill-Perit u kienu marru fuq il-post, il-Perit qal li l-Kunsill għandu jirranġa l-parti fejn hu l-aktar ħażin. Għalhekk il-Kunsill ddeċieda li joħroġ Tender waħda għal dawn iż-żewġ toroq Triq l-20 ta' Lulju u parti minn Triq Saguna minn din l-inizjattiva tal-Minisiteru għal Għawdex.

## 76.8 Il-Proġett tal-Pjazza Santa Margerita

76.8.1 Is-Sindku nforma lill-Kunsill li l-permessi neċessarji mingħand l-Awtorita' tal-Ippjanar dwar il-Proġett tal-Pjazza Santa Margerita ħarġu nhar l-Erbgħa 10 ta' Jannar 2018. Is-Sindku qal li hu kellu laqgħa mall-Ministru għal Għawdex fejn talbet biex tara l-pjanti u d-drawings ta dan il-proġett. Is-Sindku qal li miegħu għal din il-laqgħa ħa lil Perit Scerri ta dan il-proġett. Waqt din il-laqgħa l-Ministru għal Għawdex nfurmatu li l-Ministeru qed joffri €400,000 għal dan il-proġett u talbet li jsir work plan u l-istimi għal dan ix-xogħol.

*Fl-3.50 p.m. il-Kunsillier Bajada talab li jkun skużat u ħareġ mill-kamra tal-laqgħat.*

## 76.9 Il-Moll tal-Bajja ta' Mġarr ix-Xini

76.9.1 Is-Sindku qal li kellu laqgħa mas-Segretarju Parlamentari għal Biedja u Sajd, fejn ġew diskussi d-digga u s-sistema tal-ilma tax-xita fil-wied ta' Mġarr ix-Xini, il-moll li jinsab fi stat ħażin u s-slipway fil-bajja ta' Mġarr ix-Xini. Is-Sindku qal li peress li l-Kunsill diġa għandu l-permess neċessarji mill-Awtorita' għall-Ippjanar dwar ir-restawr tal-pompa tal-ilma fil-wied hu tkellem dwarha wkoll. Is-Sindku qal li hu qallu bi proposta għal dogs park u pixxina taż-żwiemel fejn dawn jistgħu jsiru fuq wara tal-Ġnien tal-Bidwi. Is-Sindku qal li l-Onor. Camilleri laqa' dawn it-talbiet u ser jibdew aktar diskussjonijiet miegħu biex dawn ix-xogħolijiet ikunu jistgħu jiġu mplimentati.

## 76.10 Il-Karnival 2018

76.10.1 Il-Sindku qal li l-Kunsill irċieva sitt talbiet mingħand dawn il-kumpaniji biex jipparteċipaw fis-serata tal-Karnival organizzata mill-Kunsill Lokali Ta' Sannat nhar it-Tnejn 12 ta' Frar 2018 u li dawn huma:
Soċjeta Filarmonika Santa Marija – Żebbuġ b'kumpanija hilarious għal prezz ta' €150,
3 RIO Gozitan Dance Company b'kumpanija bil-kostum u danza għal prezz ta' €300,
Soċejta' Filarmonika Leone b'kumpanija hilarious għal preżż ta' €150,
Mandy Sultana b'kumpanija Company calypso dancing stars b'danza għal prezz ta' €200,
Marita Caruana b'kumpanija bil-kostum u danza għal prezz ta' €300 u
Drew & Co b'żewġ settijiet ta' Maskli Grotteski għal prezz ta' €200 kull set.
Il-Kunsill ddeċieda li jinnegozzja il-preżżijiet għall-kumpaniji tal-hilarious u dik ta' Company calypso dancing stars minflok dak mitlub u l-istess għal Maskli Grotteski fejn il-Kunsill talab ukoll jissottomettu ritratti tas-settijiet.
Kien hemm ukoll talba minn Labonski Carnival Company b'karru tal-Karnival imma dawn ma ppreżentawx prezz sa din il-laqgħa. Il-Kunsill għandu jitlob kemm hu l-prezz għal dan. Din is-serata ser issir kif diġa maqbul mill-Kunsill fil-Pjazza Santa Margerita, fis-7.00 p.m. Il-Kunsill għandu jaħseb għal siġġijiet, dawl, PA system u javviċina lil Kavallier Joe M. Attard biex jippreżenta din l-attivita'. Il-Kunsill iddeċieda li bħas-snin l-imgħodija ssir kompetizzjoni għall-aħjar 5 maskarati spontaniji fejn jingħataw premijiet f'cash prize għall-ewwel post €50, it-tieni €40 it-tielet €30 u r-raba' u l-ħames jingħataw €10 kull wieħed, għal din il-kompetizzjoni il-Kunsill ser jaħtar tlett membri tal-ġurija. Il-Kunsill għandu jistieden lid-daqqaqa Ta' Seguna Folk Group. Il-Kunsill qabel ma dan u qal li għandu jgħamel poster għal ħwienet u flyer biex jitqassam bieb, bieb lir-residenti Ta' Sannat biex kulħadd ikun infurmat b'din l-attivita'.

## 76.11 L-Għid 2018

76.11.1 Is-Sindku nforma lill-Kunsill li l-Għaqda Drammatika Sannat avviċinatu biex issir attivita' soċjali, kulturali u reliġjuża bil-kollaborazzjoni tal-Kunsill u li din ser tkun tikkonsisti fi dramm

tal-passjoni b'kitba ta' Sunny Scicluna bl-isem Is-Salb tal-Fidwa. Dan id-dramm ser isir nhar il-Ħadd 18 ta' Marzu 2018, fis-6.30 p.m. / 7.00 p.m., fl-ispazju miftuħ fi Triq tal-Gruwa fuq in-naħa ta' fejn hemm il-blat. Il-Kunsill għandu jipprovdi tinda, siġġijiet, PA System, dawl, kiri ta' kostumi u xenarju maħdum apposta mill-artist Noel Debono. Il-Kunsill għandu jaħseb għal kiri tal-istage mill-Kultura. Is-Sindku qal li peress li dan l-iskript kien jieħu madwar sagħtejn, dan qed jitqassar għal siegħa mis-Sur Goerge Azzopardi. L-Għaqda qed tfittex producer biex imexxi dan id-dramm. Is-Segretarju Eżekuttiv talab kemm ser tkun l-ispissa għal din l-attivita'.

## 76.12 Tiżjin dwal dekorattiv għal żmien il-Milied u l-Ewwel tas-Sena 2019

76.12.1 Is-Sindku qal li għal din is-sena l-Kunsill ser jaħseb minn kmieni biex ikollu dwal dekorattiv għal żmien il-Milied u l-Ewwel tas-Sena 2019 għalhekk ser jitlob laqgħa mad-Direttur tal-MCAST biex jekk possibli isir disinn u x-xogħol ta' ħadid, welding u dawl għal set dwal dekorattiv mill-istudenti ta' dan il-kulleġġ għal Triq Sannat u Pjazza Santa Margerita.

## 76.13 Ilmenti u Suġġerimenti

76.13.1 Is-Sur Karmnu Buttigieg ta' Triq Ta' Ċenċ qed jitlob biex jerġgħu jinżebgħu s-sinjali sofor fi Triq Ta' Cenc (ma tal-bżaru). Dawn għandhom jinżebgħu.

76.13.2 Is-Sur John Chetcuti ta' Triq Xabbata qed jitlob li jsir patching quddiem r-residenza tiegħu.

76.13.3 Ilment mill-Ministeru għal Ghawdex fejn qed jgħid li hemm siġra fejn il-Club tal-football Ta' Sannat, li l-għeruq tagħha tmermru u hemm il-biża li taqa bir-riħ.

76.13.4 Is-Sinjura Mary Haber f'isem il-Ministeru għal Għawdex qed titlob biex jsir patching fi Triq tal-Lewz. Il-Kunsill qal li din it-triq taqa' taħt ir-responsabilta' tal-Kunsill Lokali Tax-Xewkija.

76.13.5 Is-Sinjura Mary Grace Cauchi ta' Triq il-Falkun qed titlob li tittranġa ħofra fi Triq 28 ta' April. Il-Kunsill qabel li din il-ħofra hi ma trinka tal-Korporazzjoni tal-ilma u hemm ħofor ukoll madwar tappieri tad-drenaġġ għalhekk trid tintalab l-Korporazzjoni biex issewwu dan il-ħofor.

76.13.6 Ir-residenti fi Triq Bardan qed jilmentaw bl-istat ħazin li tinsab fih din it-triq. Il-Kunsill qal li qed jistenna risposta mill-applikazzjoni minn M 4.3 (fondi ewropej) fejn l-Kunsill applika biex isir wiċċ ġdid bit-tarmak.

76.13.7 Is-Sur Jeffrey Xerri ta' Triq ġdida fi Triq id-Daħla Taċ-Ċnus qed jitlob li ssir bankina mar-residenza tiegħu. Is-Segretarju Eżekuttiv qal li din it-talba ġiet mitluba bis-servizz.gov lill-Ministeru għal Għawdex.

76.13.8 Is-Sur Peter Lanman ta' Triq il-Kbira qed jitlob li jsir patching fl-istess triq speċjalment quddiem Nru 193 u qed jitlob ukoll biex speed sign 35 fi Triq il-Kbira ħdejn il-Bus Stop tinbidel peress li ffejdjat għal kollox. Il-Kunsill għandu jwaħħal stickers fuq dawn it-tabelli peress li diġa hemm iż-żebgħa ma l-art.

76.13.9 Is-Sur Ruben Said minn Transport Malta qed jitlob li jitneħħa temporanjament parking bay minn Triq Santa Marija sakemm isir il-kostruzzjoni fil-kanturniera ta' din it-triq u jsiru double yellow lines biex tkun tista tgħaddi bla ebda ostaklu l-karrozza tal-linja. Mill-Kunsill kien hemm qbil dwar dan.

76.13.10 Is-Sur Wally Terribile ta' Triq Sannat qed jitlob biex titkompla l-kurduna ta' bankina fi Triq

Sannat faccata Ta' Sannat Central Store fejn kien hemm telephone box. Dan minħabba l-ilmijiet tax-xita. Din ser issir meta jsir il-proġett tal-Pjazza.

76.13.11 Is-Sindku qal li hemm il-bżonn li jsir traffic management fi Triq Gruwa, Triq tal-Lewż u Triq Mġarr ix-Xini. Il-Kunsill qabel ma dan is-suġġeriment.

76.13.12 Il-Kunsilliera Cassar Sultana qalet lill-Kunsill, li s-Sinjura Lucieanne Vella talbet biex issir sleeping police hump fi Triq il-Kbira fejn l-iskola l-qadima minħabba il-veloċita tas-sewwieqa biex b'hekk inaqsu l-veloċita. Il-Kunsill wieġeb li dan ma jistax isir peress li mit-toroq li jgħaddi is-servizz ta' transport pubbliku ma jistax ikun hemm sleeping police hump.

## 76.14 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti 1/2018

76.14.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq fuq il-mejda tal-Kunsill l-iskeda ta' pagamenti Nru. 1/2018 biex dawn il-kontijiet ikunu approvati mill-Kunsill. L-iskeda kif ipprezentata ġiet moqrija w aċċettata mill-Kunsill . Kopja ta din l-iskeda qed tinhemez ma dawn il-minuti ta' din il-laqgħa.

## 76.15 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

76.15.1 Il-laqgħa intemmet fil-5.00 p.m. u ġiet aġġornata għal nhar l-Erbgħa 7 ta' Frar 2018, fis-2.30 p.m.

Konfermati, illum 7 ta' Frar, 2018

(iffirmata)

Philip Vella
Sindku

(iffirmata)

Jason Curmi
Segretarju Eżekuttiv